



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 15 ta' Lulju 2019
(OR. en)

11026/19

MOG 70
CFSP/PESC 575
IRAQ 3

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 11025/1/19, MOG 69, CFSP/PESC 560, IRAQ 2

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq, adottati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fil-15 ta' Lulju 2019.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Iraq

1. L-UE tfakkar fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tagħha ta' Jannar 2018 li japprovaw l-Istrateġija tal-UE għall-Iraq. L-UE ttenni l-appoġġ sod tagħha għall-unità, is-sovranità u l-integrità territorjali tal-Iraq, u l-importanza tas-sjieda tal-Iraq tal-proċessi politiċi u ta' riforma interni tal-pajjiż. Hija tenfasizza l-impenn kontinwu tagħha għall-preservazzjoni tan-natura multietnika u multireliġjuża tas-soċjetà Iraqija. L-UE tafferma wkoll mill-ġdid l-appoġġ qawwi tagħha għar-Rappreżentant Speċjali tas-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti kif ukoll għall-ħidma tal-UNAMI.
2. L-elezzjonijiet federali li saru f'Mejju 2018 jafferma mill-ġdid l-impenn tal-Iraq għad-demokrazija.
L-UE tilqa' l-formazzjoni ta' Gvern Federali, inkluż il-ħatriet ministerjali reċenti. Issa huwa kruċjali li l-atturi u l-istituzzjonijiet politiċi kollha fl-Iraq jaħdmu flimkien biex jindirizzaw il-ħtiġijiet urġenti tal-pajjiż, speċjalment fir-rigward tal-provvista tas-sigurtà, is-servizzi bażiċi u impjiegi sostenibbli għall-Iraqin kollha madwar il-pajjiż. Dawn il-passi, flimkien ma' sforzi kontinwi għar-rikonċiljazzjoni nazzjonali u lokali u r-ritorn volontarju, dinjituż, sikur u nondiskriminatorju tal-persuni spostati internament, huma essenzjali biex il-poplu Iraqi jerġa' jibda jafda l-istituzzjonijiet politiċi tiegħu.
3. Hija meħtieġa sjieda qawwija Iraqija tar-riformi u tal-proċess ta' rikostruzzjoni.
Fuq dik il-bażi, l-UE tafferma mill-ġdid li hija lesta tappoġġa lill-Gvern tal-Iraq fl-implimentazzjoni tal-programm tiegħu ta' riformi politiċi, soċjali, ekonomiċi u ta' sigurtà, b'enfasi speċjali fuq:
 - a. It-tisħiħ tal-governanza demokratika u inklużiva, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-bini tal-kapaċità istituzzjonali, it-titjib tas-servizzi pubbliċi u l-forniment effettiv tas-servizzi bażiċi, speċjalment l-ilma u l-elettriku;

- b. It-titjib tal-ambjent tan-negozju, u l-ħolqien ta' bażi għal ekonomija Iraqija aktar sostenibbli, diversifikata u ekoloġika, f'konformità mal-impenji meħuda fil-Konferenza Internazzjonali tal-Kuwajt għar-Rikostruzzjoni tal-Iraq fi Frar 2018. L-UE tappella lis-sħab internazzjonali biex iwettqu f'waqthom il-wegħdiet li għamlu fil-Kuwajt. Ir-riformi ekonomiċi u finanzjarji huma meħtieġa biex jattiraw aktar investimenti u appoġġ;
 - c. Ir-riforma tas-settur tas-sigurtà ċivili, iż-żamma tal-istat tad-dritt u l-iżgurar ta' kontroll effettiv tal-istat Iraqi fuq il-gruppi armati kollha u r-rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem, huma kruċjali għall-istabbiltà futura tal-Iraq. L-UE u l-Istati Membri tagħha ser iżommu l-isforzi tagħhom, inkluż fil-qafas tal-Koalizzjoni Globali kontra d-Da'esh, ta'appoġġ lill-awtoritajiet Iraqin biex jindirizzaw it-theddida terroristika kontinwa mid-Da'esh, isaħħu s-settur tal-ġustizzja u jirrifirmaw il-pulizija. L-UE ser tkompli tipprowdi appoġġ lill-Iraq dwar ir-riforma tas-settur tas-sigurtà ċivili permezz tal-Missjoni ta' Konsulenza tal-UE (EUAM Iraq).
4. Fil-proċessi kollha, jeħtieġ li jiġu promossi ċ-ċittadinanza inklużiva, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-ugwaljanza bejn is-sessi. Il-parteċipazzjoni sħiħa tan-nisa, taż-żgħażaġh, tas-soċjetà ċivili u tal-komponenti kollha tas-soċjetà Iraqija, inkluż il-minoritajiet etniċi u reliġjużi, kif ukoll il-protezzjoni sħiħa tad-drittijiet tat-tfal jeħtieġ li jiġu żgurati fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali.
5. L-UE tinnota b'sodisfazzjon l-elezzjoni tal-President u l-formazzjoni tal-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan wara l-elezzjonijiet reġjonali li saru f'Settembru 2018. L-UE tilqa' b'sodisfazzjon ir-relazzjonijiet imtejba bejn il-Gvern Federali tal-Iraq u l-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan, u tħeġġeġ liż-żewġ partijiet biex iżommu d-djalogu bbażat fuq il-Kostituzzjoni tal-Iraq. Ħidma konġunta biex jitjiebu l-governanza u l-koordinazzjoni tas-sigurtà fit-"territorji kkontestati" hija meħtieġa b'mod speċjali.
6. L-UE hija ffukata fuq l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni mal-Iraq (FSK), inkluż il-kooperazzjoni politika msaħħa, u fuq l-implimentazzjoni kontinwa tal-Istrateġija tal-UE għall-Iraq ta' Jannar 2018. Din is-sħubija bejn l-UE u l-Iraq ġiet sostnuta b'appoġġ finanzjarju mill-UE li jaqbeż EUR 1.2 biljun mill-2014 mill-istituzzjonijiet tal-UE biss.

7. L-UE tilqa' d-djalogu reċenti dwar il-migrazzjoni bbażat fuq l-Artikolu 105 tal-FSK u tenfasizza l-importanza li ssir ħidma mal-awtoritajiet Iraqin dwar it-tisħiħ tal-kooperazzjoni u t-tqegħid fil-prattika tal-obbligu tagħhom dwar ir-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini proprji b'rispett sħiħ għad-drittijiet, l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-partijiet li jirriżultaw mil-Liġi Internazzjonali rilevanti.
8. L-UE tappoġġa bis-sħiħ il-ħidma mwettqa mill-Iskwadra Investigattiva tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Promozzjoni tal-Irfigħ tar-Responsabbiltà għal Delitti Mwettqa minn Da'esh/ISIL (UNITAD), u l-kooperazzjoni mal-awtoritajiet Iraqin dwar il-ġbir u l-analiżi ta' evidenza f'konformità mar-Risoluzzjoni 2379 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU. L-UE terġa' tafferma bi prinċipju l-oġġezzjoni tagħha għall-użu tal-piena tal-mewt. Il-progress fl-irfigħ tar-responsabbiltà bi proċess dovut tal-liġi u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem għall-persuni li wettqu delitti fl-Iraq, inkluż il-Ġellieda Terroristi Barranin, huma prijorità għall-UE.
9. Fid-dawl tat-tensjonijiet attwali fir-reġjun, l-UE tenfasizza l-importanza għall-pajjiżi kollha fir-reġjun, u l-atturi internazzjonali kollha involuti fir-reġjun, biex jirrispettaw bis-sħiħ is-sovranià tal-Iraq u l-politika tiegħu ta' involviment kostruttiv mal-ġirien tiegħu. L-UE espressament tilqa' b'sodisfazzjoni lil-Presidenza u l-Gvern tal-Iraq iħabirku b'mod konsistenti biex isegwu politika bilanċjata fir-reġjun, inkluż l-isforzi reċenti ta' sensibilizzazzjoni.
